# IL-PULIZIJA

Settembru 2016 • Vol 23 • Nru. 3



Newspaper Post

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

Settembru 2016 • Vol 23 • Nru. 3

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ

5. Editorjal

7. Dan l-aħħar...

11. Flimkien mat-Tfal

15. Malta Police Association

19. Programm ta' *Internship*, Malta 2016

22. Amber Alert

25. Kif jitgħallem kelb

29. Mitejn u sentejn mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija 12 ta' Lulju 2016

43. Wara t-telfa ta' xi ħadd għażiż

47. *The right person at the right time…*

47. L-Ewwel ġuri f'Malta

48. Solidarjetà bil-fatti!

50. Paġna għat-Tfal

53. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

57. International Police Association - Malta

60. Malta Association of Retired Police Officers

62. Obitwarju




Ritratt - Sezzjoni Fotografija - FSL

11



19



22



29



Membri tal-Bord Editorjali:

President: Assistent Kummissarju Mario Spiteri
Editur: Spettur Graziella Buhagiar Muscat
Membri: Supretendent Kenneth Haber
WPS 101 Roberta Grima
WPS 96 Rodienne Bartolo
WPC 25 Charlene Cilia

Qari tal-Prova: WPS 3 Joanna Vella
WPC 19 Daniela Sultana

Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "Il-Pulizija", C.M.R.U.,
Police Headquarters, Floriana, VLT 2000
jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS

**INTENTIONALLY**
**LEFT BLANK**

Editorjal



Diġà magħna Settembru. Dan ifisser li tliet kwarti tas-sena ġewwa, u bla dubju filwaqt li kulħadd jgħid kif qed itir iż-żmien, aħna l-membri tal-Korp ngħidu li s-servizz għaddej ġmielu, għaliex bħala Pulizija (ejja nkunu onesti) bejn ngħidu iġri jgħaddi s-servizz, però fl-istess nifs nirrealizzaw li aktar ma jgħaddi mis-servizz aktar inkunu qegħdin nikbru fl-età. Għalhekk tajjeb ngħaddu s-servizz b'mod għaqli u fl-istess ħin inżommu bilanċ sabiex ingawdu meta ma nkunux xogħol. Settembru jġib miegħu wkoll l-għeluq tal-istaġun tal-festi, u propju lejn l-aħħar tiġi ċċelebrata l-festa tal-patrun tagħna San Mikiel. Allura ta' min jgħid li nipparteċipaw f'tant festi skont kif inkunu dettaljati, ta' min niċċelebraw billi nipparteċipaw fil-festa tal-protettur tal-Pulizija.

F'dawn l-aħħar tliet xhur, mill-edizzjoni li għaddiet, saru diversi żviluppi fil-Korp kif ser naġġornawkom fis-serje tal-artikli 'Dan l-aħħar'. F'dawn l-aħħar xhur iddaħħlet sezzjoni ġdida fi ħdan il-Korp dik tat-*Tourism Police*, filwaqt li fl-istess perjodu ġew ingaġġati fuq mija u għoxrin rekluta, sar kors intensiv lis-Sezzjoni tal-Forensika u kors ieħor dwar l-Anti-Terroriżmu.

Barra dan kollu kien hemm il-ħatra tal-Kummissarju Lawrence Cutajar, li għalkemm mhux persuna li jħobb jidher u jagħmel ħoss għaliex jippreferi jaħdem ħafna fis-silenzju, żgur li jixraqlu li nawgurawlu f'dan l-Editorjal għall-kariga tiegħu. Ħafna huma dawk il-membri tal-Korp li ħadmu direttament miegħu fil-passat u nafu li huwa persuna li għandu għal qalbu l-lat uman fil-Pulizija.

Settembru huwa sinonimu mal-ftuħ tas-sena skolastika, u f'din il-ħarġa ser nitkellmu anke dwar dan, għaliex ikollna sensiela ta' taħditiet li nagħmlu fl-iskejjel fosthom dawk Primarji. Niftakar meta kont nagħmel *school shepherding* mal-iskola Primarja ta' Ħaż-Żebbuġ. Kienet responsabbiltà kbira u l-akbar inkwiet tiegħi kien li xi ħadd jinjora l-ordnijiet tiegħi u jibqa' dieħel bil-vettura ħdejn l-iskola u jolqot lil xi tifel jew tifla. Mhux l-ewwel darba li tajt xi ċitazzjoni minħabba f'hekk u mhux l-ewwel darba li smajt il-kliem 'ser toħodhomli minn ħalq uliedi'. Ir-risposta tiegħi kienet dejjem tkun, 'Anzi qed nissalvagwardja l-ħajja ta' wliedek u ta' wlied ħaddieħor'. Il-messaġġ lill-Pulizija tad-Distrett huwa sabiex iwettqu dan id-dmir b'serjetà issa li ser terġa' tibda l-iskola.

It-tfal iħobbuha' l-Pulizija, u aħna ninnutawha fit-taħditiet li nagħmlu. F'dawn l-attivitajiet insibu tfal anke ta' età tenera li jgħidulna li l-Pulizija ħadulhom lil xi ħadd mill-ġenituri tagħhom. Dawk għandna nkunu aktar qrib tagħhom, għaliex waqt li nwettqu d-dmirijiet tagħna, għandna nuru lil dawn it-tfal li aħna qegħdin hemm għalihom ukoll. Ir-rispett lejn l-uniformi tagħna, għandha tibda miż-żgħar nett, għalhekk nixtieq nħeġġu lil dawk il-membri li jafu bi skejjel li jorganizzaw dawn it-tip ta' taħditiet sabiex jagħmlu kuntatt magħna.

Artiklu li ser jinżel għasel mal-qarrejja tagħna, huwa dak fejn hemm is-Surġent Maġġur Patrick Bonniċi tal-Belt bħala protagonist. Bla ma trid tgħid, minn daqs dawn postijiet iċ-ċajta marru jagħmluha fejn kien hemm hu? Nammetti li dħakt kif rajt ir-ritratt, iżda meta ħsibt dwaru bla ma ridt għidt lili nnifsi li għalkemm dan is-Surġent Maġġur għandu statura li faċilment seta' weġġa' lil dan l-attur, xorta waħda ma abbużax minn dan il-fattur u ġab ġieħ lill-Korp bl-azzjoni tiegħu mingħajr ma ħoloq kontroversji u ta' dan qala' ħafna tifħir, kif jixraqlu.

magazine.police@gov.mt

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Dan l-aħħar...

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU

Nhar il-21 ta' Ġunju 2016, numru ta' Pulizija ngħataw ċertifikat wara li temmew b'suċċess kors li ħa jwassalhom sabiex jagħmlu xogħol mat-turisti li jżuru pajjiżna b'mod partikolari fil-ġranet tas-sajf. F'ċerimonja qasira li saret ġewwa l-*Officers' Mess* fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, fejn preżenti għaliha kien hemm il-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali l-Onor. Carmelo Abela, il-Ministru tat-Turiżmu l-Onor. Edward Zammit-Lewis, kif ukoll l-Aġent Kummissarju tal-Pulizija is-Sur Lawrence Cutajar, ilkoll ferħu lill-Pulizija li rċievew dan iċ-ċertifikat. L-Onor. Abela f'diskors tal-okkażjoni tenna li dan huwa proġett pilota fejn għandu x'jaqsam il-Pulizija u s-sehem tagħhom fil-qasam tat-turiżmu. Huwa tenna li meta jkollna ħafna barranin f'pajjiżna, l-isfidi jikbru u għalhekk huwa importanti li nwieġbu għal din id-domanda u anki biex wieħed jgħin bl-aħjar mod li jista' t-talbiet tat-turisti li jżuruna.

L-Onor. Zammit-Lewis filwaqt li awgura lil dawk preżenti, ħeġġiġhom sabiex ikomplu jżommu r-reputazzjoni ta' pajjiżna, ir-reputazzjoni li għandna hemm barra, li aħna "*a safe and a secure destination*".





Grupp ta' 128 żagħżugħ u żagħżugħa bdew kors ta' taħriġ ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija f'Ta' Kandja sabiex fi ftit xhur oħra jsiru parti mill-Korp tal-Pulizija. Kien proprju nhar l-14 ta' Lulju 2016, jumejn wara Jum il-Pulizija meta l-Akkademja laqgħet lil dawn iż-żgħażagħ u minn dakinhar stess bdew it-triq tagħhom sabiex jinħatru kuntistabblijiet.

Fil-ġranet tax-xhur li għaddew, uffiċjali stazzjonati fid-Dipartiment tal-Forensika attendew kors ta' taħriġ li ngħata minn uffiċjali li ġew apposta minn barra, proprju min-*Netherlands Forensic Institute*. Dawn l-uffiċjali ġew mħarrġa fuq taħriġ aktar avvanzat ta' *CSI* u *Crime Scene Management*. Apparti dan, huma ġew ukoll mħarrġa fuq teknika ġdida bħalma hija l-*blood pattern analysis*. Permezz ta' dan it-taħriġ, il-Korp tal-Pulizija ngħata kif ukoll xtara apparat ġdid li bih il-Forensika mxiet pass ieħor 'il quddiem sabiex isaħħaħ l-investigazzjoni tal-Pulizija.

Nhar l-20 ta' Lulju 2016, fis-sala Vilhena fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, dawn it-18-il uffiċjal irċievew ċertifikat f'ċerimonja qasira li kienet indirizzata mill-Onor. Ministru Carmelo Abela, l-Onor. Ministru Helena Dalli, kif ukoll mill-Aġent Kummissarju, is-Sur Lawrence Cutajar.




L-Onor. Ministru Abela fid-diskors tiegħu saħaq li mingħajr esperti forensiċi kif ukoll mingħajr uffiċjali mħarrġa fuq xena ta' reat, ma jkunx possibbli li ssir ġustizzja xierqa mal-vittmi ta' reati. Il-Ministru Abela filwaqt li feraħ lill-membri tal-Forensika huwa ħeġġiġhom sabiex issa jibdew jużaw fil-prattika dak li tgħallmu mill-esperti barranin. Huwa rringrazzja lill-membri tan-*Netherlands Forensic Institute* mhux biss tat-taħriġ li taw imma wkoll tal-apparat ipprovdut minnhom sabiex it-taqsima tal-Forensika tkompli tissaħħaħ.

Il-Ministru Helena Dalli wkoll għamlet id-diskors tagħha, fejn semmiet li din iċ-ċerimonja timmarka bidu ta' kapitlu ġdid għal dawk l-uffiċjali li jaħdmu fix-xena tar-reat. Filwaqt li ferħet lill-membri li attendew u temmew b'suċċess dan il-kors, hija stqarret li ġie rakkomandat sabiex kull membru / investigatur fix-xena tar-reat jitħarreġ kontinwament sabiex ikun jista' jaqdi dmiru aħjar.



Fit-22 ta' Lulju 2016, kien imiss lil numru ieħor ta' membri tal-Korp tal-Pulizija li rċievew ċertifikat wara kors ta' taħriġ li attendew, din id-darba mal-Pulizija Ingliża. Preżenti għal din l-attività kien hawn il-Ministru Carmelo Abela, l-Aġent Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar kif ukoll il-Kummissarju Għoli għar-Renju Unit għal Malta s-Sur Robert Haydon Vernon Luke. F'diskors tal-okkażjoni, il-Ministru Abela qal li b'sodisfazzjon kien ħa jqassam dawn iċ-ċertifikati lill-membri tal-Korp li attendew dan it-taħriġ. Huwa saħaq fuq l-importanza li bħala pajjiż naħdmu ma' nazzjonijiet oħra kif fil-fatt ġara f'dan il-każ. Il-fatt li waqt dan it-taħriġ stajna naqsmu l-esperjenzi tagħna ma' dawk tal-Pulizija mir-Renju Unit twassal għal toroq ġodda ta' komunikazzjoni u ħidma konġunta f'każijiet ta' bżonn. Huwa saħaq fuq l-importanza li kontinwament inżommu l-kuntatt ma' Pulizija ta' pajjiżi oħra. Il-Ministru temm id-diskors tiegħu bil-proverbju "*United we stand, divided we fall. Unity is strength*".

Il-Kummissarju Għoli għar-Renju Unit ukoll feraħ lil dawk preżenti u żied jgħid li jirringrazzja lil Malta għaliex l-uffiċjali li ġew apposta mir-Renju Unit sabiex iħarrġu lill-Pulizija Maltija ġew milqugħa b'mod eċċezzjonali. Hu faħħar lill-membri kollha li attendew filwaqt li awguralhom suċċess fil-ħidma tagħhom.
Il-Pulizija li ngħataw iċ-ċertifikat huma tnax b'kollox u ġejjin mis-Sezzjonijiet tal-Frodi, tad-Drogi, mill-Iswadra ta' Kontra l-Vizzji, mid-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali, tat-Terroriżmu kif ukoll tal-Immigrazzjoni.

magazine.police@gov.mt

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

**INTENTIONALLY
LEFT BLANK**

# Flimkien mat-Tfal

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU

"*Jekk ma tobdix inċempel lill-Pulizija ħa jiġi għalik u jieħdok*". Din hija waħda mill-frażijiet komuni li nisimgħu mingħand ħafna ġenituri meta t-tfal ikunu daqsxejn imqarbin. Iżda fil-verità t-tfal huma ħafna iktar intelliġenti milli naħsbu u mhux dejjem jemmnu dan id-diskors. Dan nistgħu ngħiduh fiċ-ċert għax kull meta mmorru niltaqgħu mat-tfal fl-iskejjel differenti dejjem ġejna milqugħa bi tbissima minn tfal ta' kull età.

Naħseb ftit minnkom jafu li parti mid-doveri fl-Uffiċċju tac-CMRU huwa propju li matul is-sena nidħlu fl-iskejjel madwar Malta sabiex nedukaw u ngħallmu kif ukoll nispjegaw ix-xogħol tal-Pulizija. L-età tat-tfal tvarja minn tliet snin u tibqa' tielgħa sal-klassijiet il-kbar.

Mal-ewwel ħarsa li jagħtuna t-tfal hekk kif nidħlu fil-klassi tinduna kemm l-uniformi tagħna timpressjonahom. Ħafna jiddiskrivuna bħala *super heroes* u għalihom aħna nafu nagħmlu kollox saħansitra ntiru biex insalvaw in-nies. Xi kultant issib dak it-tifel jew tifla li malli jarana jidħol f'qoxortu u jħares lejk bil-biżà, iżda llum il-ġurnata l-għalliema tal-iskola jgħinuna sabiex it-tfal ikunu iktar qrib tagħna. Fil-fatt kull meta mmorru f'xi klassi nsibu li ħafna tfal ikunu lestew xi tpinġija għalina. Ma' dan l-artiklu ħa ssibu xi tpinġijiet li ħejjew għalina studenti mill-Kulleġġ Santa Margerita li jinsab Wied il-Għajn. L-istudenti kitbu u pinġew fuq dak li tgħallmu dakinhar li l-Pulizija żar il-klassi tagħhom. Dakinhar l-istudenti kienu ħejjew mistoqsija kull wieħed sabiex jistaqsu lill-Pulizija fuq ix-xogħol tiegħu.

L-innoċenza tat-tfal kif ukoll il-mod ta' kif jistaqsu l-kurżitajiet tagħhom huwa affaxxinanti. Tajjeb li ngħidu li avolja jkun hemm fosthom ta' età żgħira, qed insemmu tlieta jew erba' snin, xorta waħda tarahom attenti għal dak li nkunu qed ngħidulhom. Aħna nippruvaw ninżlu għal-livell tal-età tagħhom u permezz ta' logħob jew stejjer ngħallmuhom fuq l-importanza li nobdu r-regoli meta nkunu fil-karozza billi nilbsu ċ-ċintorin tas-sigurtà u nużaw il-*car seat*. Ngħallmuhom ukoll kif jaqsmu t-toroq. Inkellmuhom fuq in-numru tal-emerġenza 112 u meta għandna nużawh u meta le. Tista' tgħid li jitqajmu diversi suġġetti li jkunu addattati għall-età tal-istudenti li jkollna quddiemna.




Ħaġa li tiġrilna kważi dejjem hija li f'kull skola nsibu dak it-tifel jew tifla li xi ħadd mill-ġenituri tiegħu jkun pulizija u allura dik tkun l-ewwel ħaġa li jgħidulek. Ħafna drabi l-għalliema jgħidulna li t-tfal ikollhom ħeġġa kbira meta jsiru jafu li jkun ħa jżurhom Pulizija u mhux l-ewwel darba li jkun hemm min jiġi liebes xi beritta jew ġakketta tal-Pulizija u erħilu jispjega kif jagħmel biex jarresta lil xi ħalliel. Ma rridx ninsa l-għaġeb fuq wiċċhom hekk kif nuruhom il-manetti u l-hena tagħhom meta nagħmlu bħal reċta żgħira fejn xi tifel jew tifla jkun il-Pulizija u ħaddieħor il-ħalliel. U meta nispiċċaw tibda tarahom ġejjin kollha biex jirrak-




kontaw xi storja li ġralhom jew biex jugżaw lil xi ħadd mill-ġenituri talli jkun qed isuq bil-mowbajl jew li ma jilbisx iċ-ċintorin tas-sigurtà.

Meta introduċejna dawn l-attivitajiet konna xi ftit inkwetati biex naraw x'ħa ngħidu fil-ħin al-lokat għalina u l-iktar importanti kif konna ħa nżommu t-tfal attenti speċjalment dawk ta' età żgħira, iżda dan ma baqax jinkwetana għaliex il-parteċipazzjoni tat-tfal tant hija pożittiva kull fejn morna li tista' tgħid li fil-verità lanqas inkunu nafu kif għadda l-ħin. Għalhekk inħeġġeġ lil dawk fostkom li għandkom tfal li għadhom jattendu l-iskola sabiex meta tmorru *parents day* jew b'xi mod ikollkom kuntatt mal-għalliema jew il-mexxejja tal-iskola, tinfurmawhom b'dawn l-attivitajiet u jekk ikunu interessati jibagħtu email fuq cmru.police@gov.mt

charlene.camilleri@gov.mt

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

*Il-Union Indipendenti Tiegħek*

# Malta Police Association

Ħbieb u kollegi,

Qabel xejn nixtieq nifraħ lill-Kummissarju Lawrence Cutajar għall-konferma tiegħu f'din il-kariga. Matul il-perjodu tal-irwol tiegħu bħala Aġent Kummissarju, ħdimna ħafna id f'id u l-interess tal-membri tal-Korp ingħata l-konsiderazzjoni li jistħoqqlu fid-deċiżjonijiet li kienu qed jittieħdu. Nistgħu ngħidu li issa ninsabu f'pożizzjoni li m'hemmx bżonn tagħmel battalja biex saħansitra tibda titkellem, iżda l-enerġija tagħna tista' tkun aktar iffukata fl-esplorazzjoni ta' kif nistgħu ntejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħna lkoll. Għal dan nirringrazzjawh u nħarsu 'l quddiem għal aktar ħidma siewja flimkien.

Iżda dan ma jfissirx li wasalna fejn nixtiequ naslu imma għallinqas, internament fil-Korp għandna pjattaforma fuqiex nistgħu nibdew nibnu.

Parti mill-missjoni tal-MPA hija li tippromwovi l-benesseru tal-membri tagħha. Dan jista' jsir billi ma nibqgħux inħarsu lejn il-Pulizija biss bħala ħaddiem li jservi s-soċjetà ta' madwaru, iżda billi nibdew inħarsu aktar lejn il-Pulizija bħala persuna sħiħa – bil-ħajja privata, professjonali u soċjali tiegħu. Dan għaliex ikun fejn ikun l-individwu jew ikun xi jkun qed jagħmel, dan jibqa' persuna waħda – ir-realtà hija li tax-xogħol tieħdu d-dar u tad-dar tieħdu miegħek ix-xogħol.

Hemm bosta proposti li l-MPA diġà għamlet dwar kif l-esperjenza tal-Pulizija fil-Korp tista' twassal sabiex kull Pulizija jkollu ħajja dinjituża. Il-ħajja fil-Korp tal-Pulizija ġġib magħha diffikultajiet kbar li jħalli impatt kemm fuq l-istat fiżiku, psikoloġiku u emozjonali tal-individwu kif ukoll fuq il-familji tagħna lkoll. L-istress, it-tensjoni u t-trawmiet li niltaqgħu magħhom fix-xogħol ta' kuljum, minkejja li ħafna drabi jew ma nirrealizzawx jew ma nammettux, iħallu l-marka negattiva tagħhom fuq kulħadd. Dan l-aħħar, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali diġà ħabbar li bħala parti mir-riforma tal-Korp tal-Pulizija għandu jkun hemm mekkaniżmu fejn jiġi provdut sapport psikoloġiku, xi ħaġa li l-MPA ilha tisħaq. Anzi, l-MPA ma tiqafx hemm, iżda titlob li għandu jkun hemm tim multi-dixxiplinarju magħmul minn professjonisti jew nies ta' kompetenza li jagħmel ir-riferenzi tiegħu skont il-ħtieġa.

Miżura oħra f'dan il-qasam hija li l-Pulizija jkollhom opportunità li jkomplu jimirħu akkademikament. Fi Frar li għadda, l-MPA ħarġet stqarrija pubblika dwar riforma fl-akkademja – sabiex din issir entità akkademika awtonoma li tipprovdi taħriġ kontinwu li jkun akkreditat. Hija sfortuna li sal-lum kull min xtaq jistudja seta' jagħmel dan bħala attività 'l bogħod mix-xogħol tiegħu. Hija sfortuna akbar li ħafna minn dawk li kisbu xi kwalifika, fittxew jitilqu 'l barra mill-Korp biex ikunu jistgħu jibdew karriera kompatibbli mal-kompetenzi u l-ħiliet tagħhom. Jidher li din il-proposta ttieħdet fuq l-aġenda tal-gvern fi ftit xhur biss. Minkejja li ma qbilniex ma' dak kollu li ġie propost, xorta waħda konvinti li dan huwa pass ieħor 'il quddiem li se jħalli impatt pożittiv qawwi fil-ħajja tal-Pulizija, li issa se jkollhom l-opportunità li jikbru akkademikament fi ħdan l-akkademja. L-MPA qed tkompli tisħaq illi l-kwalifiki li wieħed ikun akkwista permezz tal-akkademja għandhom iservu sabiex jgħinuh jikber fil-Korp f'dak il-qasam li jkun ta' interess għall-individwu.

Dan kollu, apparti l-kundizzjonijiet ġenerali tax-xogħol li l-MPA, b'kawtela u etika, qed taħdem fis-silenzju mal-awtoritajiet responsabbli sabiex ikompli jkun hemm titjib. Aktar proposti jkunu ppubblikati fiż-żmien li ġej.

L-MPA qiegħda taħseb ukoll sabiex fi ħdan il-Kumitat Eżekuttiv titwaqqaf Kummissjoni għall-Attivitajiet Sportivi, Kulturali u Soċjali. L-għan wara dawn l-attivitajiet huwa li jgħinuna nkomplu nsaħħu r-relazzjonijiet ta' bejnietna kif ukoll sabiex noħolqu ambjent fejn wieħed ikun jista' jkabbar it-talenti tiegħu u jsib opportunità fejn jgħix il-passjoni tiegħu. Din l-idea għadha fl-infanzja tagħha u għad trid tiġi żviluppata. Għalhekk, kull min għandu xi interess jew ideat f'dan il-qasam, nistidnuh javviċinana.

Tajjeb li fl-aħħar nirrimarkaw dwar dak li qed jissemma dan l-aħħar dwar ir-riforma fil-Korp. Smajna dwar il-ħsieb illi x-xogħol amministrattiv jgħaddi f'idejn il-pajżana u ma jibqgħux jagħmluh il-membri tal-Korp. Minkejja li l-MPA temmen fil-prinċipju ma' dan, mhux se tkun qed taqbel illi min diġà qed jagħti servizz fil-qasam amministrattiv issa jaqbad u jitneħħa mingħajr ma jingħata l-opportunità li jibqa' jagħmel dan ix-xogħol b'għażla tiegħu. Jekk verament irridu li l-moral fil-Korp jogħla 'l fuq, ma nistgħux ikollna Pulizija li jħossuhom użati fil-ħin tal-bżonn u wara jiġu mormija. Apparti minn hekk, wieħed jifhem illi meta wieħed ikun ilu snin jaħdem f'qasam, ikun ġab esperjenza u żied fil-kompetenza, tant li lanqas ikun ta' benefiċċju għall-Korp li dan issa jintbagħat jagħmel xogħol ieħor.

Infakkrukom ukoll dwar il-kawża pendenti li hemm quddiem il-Qorti Ċivili dwar l-irkant tal-armi u oġġetti oħrajn, kif ukoll dwar il-protest ġudizzjarju fuq il-ħlas tal-Fizzjali għas-sigħat żejda li ħadmu matul iċ-*CHOGM* u l-*Valletta Summit* 2016, li se jkun segwit b'kawża. Fil-ġranet li ġejjin ser tisimgħu b'aktar azzjonijiet legali li l-Kumitat Eżekuttiv iddeċieda li jieħu fil-konfront tal-amministrazzjoni.

Ngħarrfukom ukoll illi s-sit elettroniku wasal fl-istadju finali tiegħu u li se jkun lura *online* fi żmien xahar.

http://www.mpa.org.mt

---

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Programm ta' *Internship*, Malta 2016

Mis-Surġent Maġġur 1133 Joseph Borg – Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

F'Lulju li għadda reġa' kellna parteċipazzjoni ta' tmin uffiċjali tal-Pulizija Ġermaniża minn żewġ korpi differenti, minn Munich u minn Dusseldorf. Dawn għażlu lil Malta sabiex iwettqu l-Programm tal-*Internship* fi żmien waqt li huma jkunu għaddejjin bl-istudji polizjeski tagħhom f'universitajiet u kulleġġi li jattendu. Dan iwassal-hom sabiex barra li jkunu qegħdin jiksbu l-livelli akkademiċi rikjesti, jilħqu wkoll f'dawk il-gradi li jkunu qed jaspiraw għalihom. Fil-fatt, f'Settembru ta' din is-sena l-istudenti li ġew minn Dusseldorf ser jiggradwaw u eventwalment jiġu appuntati għall-grad ta' fizzjal ekwivalenti għal dak ta' Spettur; filwaqt li l-istudenti ta' Munich ser jiggradwaw u jiġu appuntati wkoll għal dan l-istess grad f'Settembru tas-sena d-dieħla. Min-naħa tagħna ma jistax jonqos li nawgurawlhom fil-kariga u l-karriera tagħhom.

Bħas-snin ta' qabel, il-programm beda u spiċċa b'suċċess u ta' sodisfazzjon għall-istess studenti. Kif wieħed jista' jinnota, fost l-aktar studenti Ewropej li jagħżlu lil Malta għal dan il-programm, insibu li huma l-istudenti Ġermaniżi. Fil-fatt kull meta jasal il-mument li jkunu jistgħu jerġgħu jibdew japplikaw għall-programm, l-istennija min-naħa tagħna dejjem tkun li l-istudenti Ġermaniżi ser jerġgħu jkunu għal darba oħra l-protagonisti għalih. Tliet xhur biss qabel dan tal-aħħar, jiġifieri f'April li għadda kellna wkoll *Internship* b'parteċipazzjoni ta' erbatax-il student Ġermaniż ieħor mill-*Bundes Federal Police*, li jattendu wkoll ġewwa l-Università Federali.



Is-sodisfazzjon tagħna jkun meta wara kull sessjoni li jkollhom, fil-kummenti tagħhom ilkoll ifaħħru l-persuna li tkun kellmithom jew spjegatilhom kif titħaddem sistema jew dixxiplina skont ma jkun il-każ. Japprezzaw tassew l-għarfien tagħhom dwar is-suġġett u dak kollu li jkunu ppreparaw għalihom. Barra minn dan, jinnotaw ukoll il-livell tajjeb ta' taħriġ li huma jiġu murija u l-mod ta' kif jiġu żviluppati mekkaniżmi umani u oħrajn teknoloġiċi. Inkorporat fil-programm ikollhom ukoll l-aspett storiku u kulturali dwar pajjiżna, permezz taż-żjarat li jsiru f'ċertu postijiet. Bla dubju ta' xejn dawn dejjem jintlaqgħu tajjeb minnhom.

Tajjeb li wieħed isemmi li fil-passat kienu l-Maltin li bbenifikaw minn taħriġ speċjalizzat f'postijiet ta' taħriġ apposta ma' dawn l-istess korpi ta' Pulizija Ġermaniża; fosthom meta fil-bidu tas-sebgħinijiet, il-Gvern Malti kellu offerta mill-Gvern Federali tal-Ġermanja sabiex jibgħat studenti Maltin jitħarrġu



biex isiru piloti u inġiniera mekkaniċi tal-*helicopters* ġewwa Fassberg. Wara li madwar għaxar membri tal-Korp kienu temmew b'suċċess dan it-taħriġ, ġew lura Malta mill-Ġermanja, mhux biss ikkwalifikati f'dan il-qasam, iżda b'erba' *helicopters* tat-tip 'Bell' li l-Gvern Ġermaniż kien ukoll għoġbu jagħti lill-Gvern Malti. Nafu li bis-saħħa ta' din is-sezzjoni, fost affarijiet oħra, il-kuntrabandu minn fuq l-ibħra territorjali Maltin, li kien għoddu fena lil pajjiżna f'dawk iż-żminijiet, issa kien trażżan waħda u sew. Barra dan it-taħriġ, matul iż-żmien il-Pulizija Maltin ġewwa l-Ġermanja ngħataw ukoll taħriġ dwar it-trobbija u t-taħriġ tal-klieb f'diversi dixxiplini, taħriġ fil-qasam fil-ġlieda kontra d-droga, l-investigazzjonijiet kriminali u oħrajn fl-oqsma forensiċi.



La darba dawn l-istudenti jagħżlu lil pajjiżna sabiex iwettqu dan il-programm, min-naħa tagħna dejjem irrispondejna b'tali manjiera sabiex tajnihom l-opportunità b'kull mezz possibbli. Fl-aħħar mill-aħħar inqisu wkoll din l-okkażjoni bħala opportunità sabiex wieħed jaqsam ukoll ċertu esperjenzi u ħsibijiet ma' kollegi Ewropej.

Għalhekk f'isem il-kordinaturi, nirringrazzjaw lil dawk l-entitajiet kollha u organizzazzjonijiet li bis-sehem u l-kordinazzjoni li ssir magħhom, dawn il-programmi jkunu jistgħu jsiru anke fil-livell mixtieq. Dawn huma: il-*Heritage Malta*, il-*Malta Experience* u d-diriġenti tal-*MCC*, il-Kon-Katidral ta' San Ġwann, Farsons Cisk Ltd, l-Awtorità tat-Turiżmu (M.I.C.A.) u l-eks Surġent-Maġġur Romeo Micallef, li nsibuh ukoll ta' għajnuna f'dawn il-programmi. Ħajr lill-uffiċjali kollha li kif għidt, jippreparaw tajjeb għaż-żjarat u t-taħdidiet interessanti dwar il-ħidma fis-sezzjonijiet jew branki rispettivi tagħhom. Magħhom nirringrazzjaw ukoll lil dawk li jipprovdulna t-trasport għal matul dawn il-programmi.

joseph.q.borg@gov.mt

**INTENTIONALLY
LEFT BLANK**

# *Amber Alert*

minn WPS 96 Rodienne Bartolo – CMRU

Għal dawk stazzjonati ġewwa l-*Vice Squad*, it-titlu ta' dan l-artiklu żgur li mhux kelma ġdida, filwaqt li għal oħrajn li jsegwu l-paġna ta' *facebook* tal-Korp jew l-aħbarijiet lokali, x'aktarx li l-kelma *Amber Alert* ukoll semgħu biha.

*Amber Alert* hija sistema li se tibda titħaddem f'Malta fl-ewwel nofs tas-sena 2017. Hija sistema effiċjenti li l-Korp se jibda juża sabiex b'modi differenti jgħarraf, kif ukoll jitlob l-għajnuna tal-pubbliku meta jkun hemm rapport ta' tfal neqsin.

Is-sistema tuża modi prattiċi u effiċjenti sabiex dawn it-tfal jinstabu fl-inqas żmien possibbli. Il-metodi jvarjaw minn dawk tradizzjonali bħal televiżjoni u radju, għal mezzi iżjed moderni bħal tabelli fit-toroq, avviżi fuq it-trasport pubbliku, messaġġi fuq il-mowbajl, *emails*, *pop-ups* fuq siti elettroniċi, applikazzjonijiet fuq il-mowbajl u użu tal-midja soċjali fost oħrajn.

L-introduzzjoni ta' din is-sistema ġiet imħabbra mill-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Carmelo Abela, ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija nhar il-31 ta' Lulju li għadda. Pajjiżna se jkun ir-raba' pajjiż tal-Unjoni Ewropea li se jintroduċi l-użu ta' din is-sistema.

Mir-rispons li ħadna fuq il-paġna ta' *facebook*, kellna diversi kummenti speċjalment min-nies li jgħixu jew kienu jgħixu barra minn Malta. Dawn kollha kellhom kliem ta' tifħir dwar din is-sistema u wħud minnhom stqarrew li din diġà qed tintuża b'suċċess f'pajjiżhom.

L-iskop ta' dan l-artiklu huwa sabiex kull Pulizija jkun konxju ta' din is-sistema għax apparti li din se tibda tintuża ftit taż-żmien ieħor, bil-promozzjoni li ngħatat mill-midja Maltija jidher li din is-sistema qed tqanqal interess fost il-pubbliku inġenerali.

rodienne.bartolo@gov.mt



INTENTIONALLY
LEFT BLANK

**INTENTIONALLY**
**LEFT BLANK**

# Kif jitgħallem kelb

minn PS1182 Christopher Formosa – Sezzjoni Klieb

Merħba ħbieb, nilqagħkom għal darb'oħra f'din ir-rokna ddedikata lis-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija. Minn meta aħna bħala sezzjoni bdejna nitkellmu fuq diversi aspetti li għandhom x'jaqsmu mal-klieb, kemm dawk tal-pulizija u dawk inġenerali, kien hemm diversi persuni li urew ix-xewqa li nittratta diversi aspetti dwar kif jitgħallem kelb. Għaldaqstant f'din l-edizzjoni ħa nibdew nitkellmu dwar kif jitgħallem kelb u saħansitra dwar xi wħud mit-tekniki li jintużaw.

Waħda mill-aktar mistoqsijiet komuni li niġi mistoqsi hi kif jitgħallmu l-klieb? Qabel ma nibdew induru ma' din il-mistoqsija, tajjeb li nispjega punt importanti ħafna. Meta niġu biex nitkellmu dwar kif jitgħallem kelb, tajjeb li nagħmlu distinzjoni bejn żewġ fatturi importanti. Dawn huma:

- *Innate behaviour* – Imġieba intrinsika
- *Learned behaviour* – Imġieba mgħallma

L-imġieba intrinsika hi dik l-imġiba fejn ma tiġix mgħallma matul il-ħajja tal-kelb iżda tiġi imposta permezz tal-ġenetika u l-karatteristiċi tal-istess kelb jew razza. Eżempju ċar ta' dan narawh f'dawk ir-razez li jintużaw kemm bħala klieb għall-kaċċa - *gun dogs* u kemm dawk li jintużaw għall-kontroll tal-merħla - *herding dogs* fejn l-imġiba tagħhom tgħaddi permezz tal-ġenetika u mhux tiġi mgħallma.

Min-naħa l-oħra l-imġiba mgħallma hija aktar vaga minħabba l-fatt li hemm diversi modi ta' kif din l-imġiba tista' tiġi adottata. Uħud mill-iktar metodi komuni fejn permezz tagħhom iseħħ dan it-tagħlim huma:

- *Trial and error*
- *Observation / Social learning*
- *Associative learning*

Qabel ma nibdew nitkellmu fuq dawn il-metodi li semmejna, tajjeb li ngħidu li l-klieb jitgħallmu eżatt bħan-nies, biex inkun aktar preċiż bħat-tfal. L-uniku differenza li nsibu hija li t-tfal jitkellmu filwaqt li l-klieb ma jitkellmux.

L-ewwel metodu li semmejt hu dak li jgħidulu *by trial and error* fejn il-kelb jitgħallem permezz tal-fallimenti tiegħu stess. Dan il-metodu jissejjaħ ukoll il-metodu tal-prova fejn il-kelb jibqa' jipprova jittanta xortih sakemm jilħaq l-għan tiegħu. B'hekk wara diversi tentattivi l-kelb ikun tgħallem jasal għall-għan aħħari mingħajr il-bżonn ta' ħadd. Eżempju ta' dan ġeneralment narawh meta l-klieb jibqgħu jippruvaw sakemm jieħdu dak li jkunu jridu bħal ngħidu aħna jġibu xi ħaġa li tkun f'post diffiċli, jidħlu jew joħorġu f'xi kamra li tkun magħluqa, jieħdu xi ħaġa tal-ikel wara diversi nbiħ, u bosta affarijiet oħra.

It-tieni metodu li semmejna hu dak tal-*observation / social learning.* Dan il-metodu hu effettiv ħafna speċjalment fejn jidħlu klieb żgħar fl-età. Dan għaliex it-tagħlim jiġi trasmess permezz tal-viżwal fejn il-kelb jitgħallem jagħmel xi ħaġa wara li jkun osserva kelb ieħor jagħmel hekk. Kif ġa semmejt qabel, dan il-metodu hu effettiv ħafna fil-ġriewi minħabba l-fatt li waqt l-iżvilupp tagħhom dawn ikunu qed jassorbu dak kollu li jkunu qed jaraw. Fix-xogħol tagħna dan il-metodu jintuża ħafna speċjalment waqt it-taħriġ kemm dak tat-tfittxija u kemm dak tal-protezzjoni. Dan l-aħħar, dan il-metodu ntuża ħafna waqt il-programm tal-ġriewi fejn mill-età ta' tliet ġimgħat dawn bdew jiġu gradwalment esposti f'diversi postijiet, strutturi, ħsejjes, temperaturi, nies u saħansitra bdew jaraw diversi klieb jilagħbu, ifittxu u jagħmlu xogħol ta' protezzjoni biex b'hekk ikollhom introduzzjoni ta' x'inhu mistenni minnhom.

It-tielet u l-aħħar metodu li semmejna hu l-aktar metodu komuni u importanti fejn jidħol it-tagħlim. Apparti l-fatt li dan il-metodu jintuża ħafna fit-tagħlim tal-klieb, tajjeb li ngħidu li dan il-metodu jintuża kontinwament minn kulħadd għas-sempliċi raġuni li hu bbażat fuq konsegwenzi.

Bażikament *associative learning* jinqasam fi tnejn;

- *Classical conditioning*
- *Operant conditioning*

Il-*classical conditioning* ġie l-ewwel studjat minn Ivan Petrovich Pavlov, 1849 - 1936 waqt li kien qed jagħmel riċerka rigward il-bżieq tal-klieb. Mingħajr ma nidħol f'daqshekk dettall Pavlov skopra li jekk oġġett li minnu nnifsu joħloq reazzjoni tippreżentah dejjem ma' oġġett ieħor newtrali għal diversi drabi, fl-aħħar mill-aħħar dan l-istess oġġett se jqanqal l-istess reazzjoni meta jiġi ppreżentat waħdu. Tajjeb li ngħidu li sabiex dan ikun meqjus bħala *classical conditioning* ir-reazzjoni trid tkun waħda involontarja bħar-riflessi, emozzjonijiet, biża' u ġuħ. Għaldaqstant, kull reazzjoni li ssir b'mod volontarju ma taqax taħt din it-teorija.

Tistaqsuni, x'sens fiha li tgħallem kelb jibża'? Tajjeb li ngħidu li dan il-metodu jintuża l-iktar fejn ikun hemm każ ta' *phobia* fejn wieħed ibiddel dik ir-reazzjoni negattiva f'waħda pożittiva permezz ta' sistema li tissejjaħ *counter-conditioning*.

Għall-kuntrarju, l-*operant conditioning* jinvolvi kull għemil volontarju mistenni mill-kelb. Dan ġie studjat minn B. F. Skinner 1904 - 1990 li hu magħruf bħala l-missier tal-*operant conditioning* fejn bosta mill-istudji tiegħu tkomplew fuq ix-xogħol ta' Edward Thorndike 1874 - 1949 li hu magħruf għal-*law of effect*. F'waħda mit-teoriji tiegħu Skinner qal hekk, '*Behavior which is reinforced tends to be repeated (i.e. strengthened); behavior which is not reinforced tends to die out or be extinguished (i.e. weakened)*.'

Fuq dan il-kunċett, Skinner identifika tliet punti importanti ħafna li huma;

- *Neutral stimuli*
- *Reinforcers*
- *Punishers*

Għaldaqstant, il-parti l-kbira tat-taħriġ tal-klieb joħroġ minn din it-teorija li għadni kemm semmejt.

Meta nsemmu *neutral stimuli* nkunu qed nirreferu għal dak kollu li meta jiġi ppreżentat l-ewwel darba ma jqanqal l-ebda reazzjoni bħal eżempju *sit* jew *down*. F'dan il-każ, jekk jien ikolli nġib kelb li għadu mhux mgħallem u ngħidlu *sit*, din tal-aħħar tkun bla effett għaliex ma tkun għadha tfisser xejn għall-kelb. Min-naħa l-oħra, *reinforcers* huma dawk l-affarijiet li meta jiġu ppreżentati dawn iżidu l-prestazzjoni tal-kelb bħal eżempju ikel jew xi ġugarell. L-aħħar kategorija hija dik tal-*punishers*. Ix-xogħol tagħhom hu li meta jiġu ppreżentati dawn inaqqsu dik l-imġiba partikulari. Tajjeb li ngħidu li kemm ir-*reinforcers* u kemm il-*punishers* jinqasmu fi tnejn, li jissejħu;

- *Positive u negative reinforcers*
- *Positive u negative punishment*

Dawn tal-aħħar ħa jkollna ċans nispjegawhom aktar fid-dettall fl-edizzjoni li jmiss. Qabel ma nagħlaq din ir-rokna, tajjeb li nsemmi żewġ punti importanti ħafna. L-ewwel punt hu li tajjeb li nifhmu li meta nsemmu l-kelma *punishment* ma nkunux qegħdin nikkastigaw il-kelb, iżda nkunu qegħdin nikkoreġu dik l-imġiba partikulari.

Tajjeb li ngħidu wkoll li sfortunatament meta nsemmu l-kelma kastig ħafna nies jassoċjawha mas-swat u daqqiet, iżda dan mhux il-każ. Aktar 'il quddiem ħa jkollna l-opportunità li nispjegaw dan il-punt fejn ħa nifhmu aħjar xi nkunu qegħdin infissru meta nsemmu l-kelma kastig.

L-aħħar punt hu li meta naraw il-kliem *positive* u *negative*, dawn ma jkunux qed ifissru għal xi ħaġa tajba jew ħażina iżda għal xi ħaġa miżjuda fil-każ ta *positive* u xi ħaġa mnaqqsa fil-każ ta *negative*.

Għal-lum naħseb li aħjar nieqaf hawn peress li semmejna ħafna affarijiet ikkumplikati. Din tal-lum kienet daqsxejn informazzjoni fuq fuq ta' wħud mit-teoriji li jintużaw. Jekk il-bambin irid, fl-edizzjoni li ġejja ser inkomplu niftħu fuq it-teorija tal-*operant conditioning* fejn ħa naraw diversi eżempji fil-ħajja ta' kuljum kemm fejn jidħlu l-klieb u anke fejn jidħlu n-nies.

Sadanittant, jekk ikun hemm xi ħadd li jkun jixtieq aktar informazzjoni dwar xi suġġett li huwa relatat ma' din is-sezzjoni jista' f'kull ħin iċempel fuq 2294 3572.

christopher.a.formosa@gov.mt

**INTENTIONALLY**
**LEFT BLANK**

**INTENTIONALLY**
**LEFT BLANK**



# Mitejn u sentejn mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija 12 ta' Lulju 2016

















Police Day





HSBC
Malta Foundation












Premier


HSBC
Malta Foundation






































































# Grazzi tas-sehem tagħkom

**INTENTIONALLY**
**LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Wara t-telfa ta' xi ħadd għażiż

minn Stelmart Khalil - ESP Unit Co-Ordinator, Employee Support Programme Unit

Meta titlef lil xi ħadd qrib tiegħek, id-dieqa li tħoss tista' tkun eċċessiva u kultant iġġiegħlek tibża' li m'intix se tkun kapaċi tkampa bit-telfa. Jista' jkollok esperjenzi differenti li jistgħu jkunu ta' natura psikoloġika jew fiżika. In-niket jista' jkun tant eċċessiv li tħossha diffiċli li se jirnexxilek tibqa' għaddej b'ħajtek wara dak li ġara. Tista' wkoll issibha diffiċli timmaġina futur fejn ma tħossokx imdejjaq u kapaċi taħseb u tiffunzjona bħalma kont tagħmel qabel. Ftakar li m'hemm l-ebda żmien stipulat li fih għandha tgħaddilek id-dieqa. Huwa importanti wkoll li ma tikkomparax il-proċess tan-niket tiegħek ma' ta' ħaddieħor. Meta tkun għaddej minn żmien diffiċli bħal dan, jista' jkollok emozzjonijiet, ħsibijiet u wġigħ li jvarjaw fl-intensità. Madankollu, li tkun taf x'għandek tistenna jista' jgħinek tkampa aħjar.

### L-effetti psikoloġiċi ta' meta titlef lil xi ħadd għażiż

Meta tirċievi l-aħbar tal-mewt ta' xi ħadd qrib għalik, x'aktarx tħoss xokk kbir, segwit minn konfużjoni li għal xi ħin ma tħallikx taħseb b'mod ċar. Huwa komuni ħafna li n-nies jibqgħu jiftakru fl-aħħar darba li jkunu raw lill-persuna li tkun mietet u ma jkunux iridu jemmnu li qatt mhu se jarawha iktar. Id-dwejjaq huwa effett komuni ieħor li ġġib magħha t-telfa ta' xi ħadd. Jista' jaqbdek sens kbir ta' disperazzjoni li jħallik mingħajr tama għall-futur u dan jista' jimpedilek milli tkompli b'ħajtek momentarjament. Il-ħajja ta' kuljum tibda ssibha iebsa u anke l-inqas ħaġa tibda ssibha impossibbli li tagħmilha. Għandek mnejn tħoss li ħaddieħor mhux qed jifhem it-tbatija tiegħek u tara lill-oħrajn ikomplu għaddejjin b'ħajjithom filwaqt li inti, bi tbatija kbira, tkun qed tipprova tiġġieled kontra l-vojt u n-niket li tkun ħalliet warajha t-telfa. Fost dan in-niket kollu tista' ssib ruħek tħossok ħati meta tiftakar fil-memorji u fl-interazzjoni li kellek mal-persuna li tkun ħallietek. Huwa normali li tħares lejn il-passat u tqis xi stajt għamilt ħażin u xi stajt tagħmel biex titratta lil dik il-persuna aħjar. Madankollu ftakar li r-relazzjonijiet kollha mal-persuni l-oħra jinkludu kemm mumenti ħżiena kif ukoll tajbin, għaldaqstant minkejja li għandek mnejn li tiftakar biss il-mumenti koroh, ma jfissirx li qatt ma kien hemm mumenti sbieħ.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, sensazzjoni komuni oħra hija r-rabja. F'daqqa waħda ssib ruħek mingħajr il-persuna li tħobb u inti tħossha inġusta, għalhekk huwa normali li tħossok irrabbjat minħabba s-sitwazzjoni li tkun fiha. Għandek mnejn tħoss rabja lejn il-persuna li mietet talli ħallietek waħdek jew talli ma ħaditx ħsieb tagħha nnifisha biżżejjed biex tipprevjeni milli tmut. Tista' tħossok irrabbjat għax ikun hemm kwistjonijiet fir-relazzjoni tagħkom li ma tkunx solvejt u kif ħaddieħor jidher baqa' għaddej minkejja t-telfa. Ir-rabja tista' twasslek biex tkun intolleranti għal ħaddieħor u jista' ma jkunx faċli li titkellem dwar dan.

Minkejja li tħossok waħdek f'din it-taqbida ta' emozzjonijiet, jgħin ħafna li jkollok l-appoġġ soċjali. Fittex lin-nies li tista' tafdahom u tkellem magħhom dwar dak li tkun għaddej minnu. Għalkemm forsi ma jkunux qed jindirizzaw s-sitwazzjoni bl-istess mod kif tkun qed tagħmel inti ma jfissirx li ma jistgħux jagħtuk perspettivi ġodda u jgħinuk tifhem aħjar is-sitwazzjoni u jissuġġerixxu metodi ġodda li tista' tuża biex terġa' tibda għaddej b'ħajtek. Jekk ma jkunx biżżejjed li titkellem mal-ħbieb jew mal-familja, tajjeb li tikkunsidra tfittex għajnuna professjonali biex tgħinek tkampa mas-sitwazzjoni diffiċli li tkun għaddej minnha.

### L-effetti fiżiċi u ta' imġiba li tħalli t-telfa

In-niket jista' jħalli effetti fiżiċi fuqek; il-metaboliżmu tiegħek jista jiddgħajjef u għaldaqstant jew timrad

iżjed malajr jew inkella, jekk tkun tbati b'xi marda, din tiggrava. Effetti fiżiċi oħra tat-telfa jinkludu għejja kbira, biki, nuqqas ta' enerġija u aptit, li jistgħu jwasslu għal żieda jew telf fil-piż, problemi ta' rqad, nuqqas ta' konċentrazzjoni u nuqqas ta' interess f'kull ħaġa li qabel kienet togħġbok.

In-nuqqas ta' konċentrazzjoni u l-inkapaċità li tieħu deċiżjonijiet xierqa jistgħu jġiegħluk iġġib ruħek b'tali mod li ta' madwarek jinkwetaw għalik. Għandek mnejn tinsa li l-persuna tkun ħallietek u xorta tlestilha post fuq il-mejda jew tipprova ċċemplilha. Inniket jista' jaffetwalek il-memorja u tħossok distratt u konfuż, tista' tħossok diżorganizzat u ma tistax tlaħħaq ma' dak li trid tagħmel, tant li sal-inqas ħaġa tista' ssibha diffiċli tagħmilha. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, biex ittaffi l-uġigħ għandek mnejn tibda tagħmel użu mid-drogi jew l-alkoħol. L-abbuż ta' dawn is-sustanzi għal żmien twil jista' jwassal għaddipressjoni kif ukoll għall-vizzju u d-dipendenza taddrogi u l-alkoħol.

## Kif tgħin lil dawk li jkunu ġarrbu t-telfa ta' xi ħadd għażiż

Dawk li jkunu ġarrbu t-telfa ta' xi ħadd ikollhom bżonn jitkellmu ma' xi ħadd li jismagħhom u jappoġġahom. In-nies għandhom bżonn il-ħin tagħhom biex iħallu d-dwejjaq tagħhom joħroġ bilmod li jħossu huwa l-aħjar għalihom. Għaldaqstant, jekk tkun se tagħti l-appoġġ lil xi ħadd m'għandekx tiġġudika. Li tkun hemm għal xi ħadd li ġarrab telfa mhuwiex faċli. Kultant tista' ssibha diffiċli biex issib il-kliem adattat u forsi taħseb li xi ħadd ieħor ikun iktar kapaċi biex jagħti s-sapport lill-persuna li tkun tilfet lil xi ħadd. Ftakar li bosta ħbieb ta' din il-persuna jista' jħosshom l-istess u għalhekk jista' jkun hemm ir-riskju li l-persuna li tkun għaddejja minn dan iżżmien diffiċli tispiċċa iżolata. Huwa importanti li tirrikonoxxi li dan huwa żmien diffiċli, iżda ma jimpurtax jekk ma tkunx taf x'se taqbad tgħid biex dak li jkun iħossu aħjar. Kultant, l-aħjar mod biex tgħin lil dawn in-nies huwa li tgħinhom b'mod prattiku, bħal tagħmlilhom ix-xiri u ssajrilhom, sakemm ikunu jistgħu jerġgħu jqumu fuq saqajhom. Jista' jgħinek il-fatt li tistaqsihom x'tista' tagħmel biex tgħinhom jew toffri l-għajnuna tiegħek. F'dan iż-żmien, l-iktar affarijiet sempliċi jistgħu jirrikjedu sforz kbir minħabba n-niket li jkunu għaddejjin minnu, għaldaqstant tkun ta' għajnuna kbira li toffri li tgħin b'mod prattiku.

L-iktar ħaġa importanti li tista' tagħmel hi li tisma' lill-persuna l-oħra. Tipprovax tibdel is-suġġett meta d-diskors jaqa' fuq il-persuna l-mejta. In-nies li jkunu ġarrbu t-telfa jkollhom bżonn il-ħin biex jitkellmu dwar dak li jkunu għaddejjin minnu u jekk inti ttihom l-opportunità li jagħmlu dan, tkun ta' għajnuna kbira għalihom. Tihom iċ-ċans jiżvugaw u tippruvax isserrħilhom rashom billi tirrakontalhom kif inti jew persuni oħrajn indirizzaw sitwazzjonijiet simili. Dawn in-nies jistgħu jkunu qed jesperjenzaw emozzjonijiet ta' rabja u ħtija u peress li dawn l-emozzjonijiet huma diffiċli biex iġġorrhom, tkun ta' għajnuna għalihom li tħallihom jesprimu s-sentimenti tagħhom u jitkellmu dwarhom. Barra minn hekk, l-individwi jistgħu jiżvugaw il-frustrazzjonijiet u r-rabja tagħhom fuq ħaddieħor, għalhekk huwa tajjeb li tkun ippreparat għal dan.

Huwa importanti li tkun paċenzjuż. L-individwu jista' jkollu ġranet tajbin u oħrajn ħżiena. Fi ġranet li jħossuhom tajjeb għandhom mnejn ikunu jixtiequ jagħmlu kollox huma u ma jkollhomx bżonn ta' ħafna għajnuna. Madankollu, dan ma jfissirx li jkun għaddielhom. Mill-banda l-oħra, jista' jkun li jiddeċiedu li għandhom bżonn iż-żmien biex joqogħdu waħedhom anke f'ġurnata ħażina, għalhekk l-aħjar hu li tistaqsi x'għajnuna għandhom bżonn u tagħti l-assistenza tiegħek skont x'jitolbuk.

Jekk għaddej minn xi diffikultajiet simili li qed jaffettwawlek il-ħajja personali u/jew professjonali, issapport u l-*counselling* jistgħu jgħinuk biex tħossok aħjar u ma tinqatax għalik waħdek. Għal iktar informazzjoni u appoġġ jew biex tagħmel appuntament, ikkuntattja lill-*Employee Support Programme* billi ċċempel fuq 2200 1210 jew tibgħat e-mail f'dan l-indirizz: esp.opm@gov.mt.

magazine.police@gov.mt

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

**INTENTIONALLY
LEFT BLANK**

# The right person at the right time…

minn WPS 96 Rodienne Bartolo – CMRU

Riċentament fuq *facebook*, ħafna minna żgur li ltaqgħu mar-ritratt li qed jiġi ppubblikat ma' dan l-artiklu u li fih jidher *in action*, is-Surġent-Maġġur 325 Patrick Bonniċi, stazzjonat l-Għassa tal-Belt.

Nhar it-Tnejn l-1 t'Awwissu għall-ħabta tal-17.00hrs, is-Surġent-Maġġur Bonniċi kien fl-inħawi ta' Pjazza San Ġorġ, il-Belt meta f'daqqa waħda jilmaħ raġel jargumenta ma' mara, jimbottaha u jipprova joħdilha l-mowbajl minn idha. L-argument eskala tant li r-raġel imbuttaha u l-mara waqgħet fuq bankina, bir-raġel jitbaxxa u jkompli jipprova jsawwat lill-mara. Kien f'dan il-mument, li s-Surġent-Maġġur mar fuq ir-raġel, żammu minn għonqu (kif jidher fir-ritratt) u ressqu lura sabiex jipproteġi lill-mara li f'dak il-ħin kienet għadha mal-art.

F'dak il-ħin mas-Surġent-Maġġur daru numru ta' nies, li bdew jgħidulu sabiex jieqaf jieħu azzjoni għax dak li kien seħħ ma kienx inċident, iżda parti minn esperiment li kien qed isir minn tim li jġib l-isem *willingness.com.mt*, fejn l-għan tagħhom kien li jiffilmjaw ir-reazzjoni tal-pubbliku inġenerali meta raġel (attur) ikun qed 'isawwat' mara (attriċi) u viċi versa. Li ma rrealizzax dan it-tim kien li waqt il-ġbid ta' din ix-xena, fil-viċinanzi kien hemm is-Surġent-Maġġur li ma tantx ta ċans lill-pubbliku jirreaġixxi, għax kif kien id-dover tiegħu ħa azzjoni immedjata u waqqaf lill-'aggressur' bla ebda telf ta' ħin.




Ir-ritratt, flimkien mal-filmat tax-xena kollha se jiġu ppubblikati mit-tim tal-*willingness.com.mt* u se jkunu aċċessibbli fuq il-midja soċjali.

Is-soltu ngħidu li azzjoni ħażina tagħmel ħoss iżjed minn waħda tajba, iżda meta taqra r-rispons pożittiv kemm mit-tim li organizza dan l-esperiment flimkien mal-pubbliku inġenerali fuq *facebook* tinduna li għad baqa' min japprezza l-azzjonijiet tajbin u f'waqthom tagħna.

rodienne.bartolo@gov.mt

# L-Ewwel ġuri f'Malta

mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali



L-ewwel ġuri f'Malta, kien sar f'Novembru tal-1815 u kien ġie presedut minn Sir Thomas Maitland, il-gvernatur innifsu. Il-ġuri kien jitratta każ dwar il-piraterija u kien sar ġewwa l-Palazz tal-Gvernatur, il-Belt Valletta. Jingħad li fil-kummenti tiegħu, Maitland ta x'wieħed jifhem li ma kienx qed jaqbel mal-preżenza tal-ġurati f'dan il-ġuri. Tajjeb li ngħidu li dan il-ġuri kien l-ewwel wieħed li sar minn wara r-riforma li kien għamel l-istess Maitland dwar il-ġustizzja, permezz tal-proklama tal-1 ta' Lulju tal-1814.

joseph.q.borg@gov.mt

# Solidarjetà bil-fatti!

minn PS 612 Theo Vella – Viċi President POU-GWU

Bħalma żgur li kull membru tal-Korp jaf, nhar l-24 ta' Ġunju li għadda ngħatat sentenza mill-Qorti Ċivili tal-Appell fejn PS853 Frankie Sciberras ġie ordnat iħallas is-somma ta' €23,626 li bl-imgħaxijiet u l-ispejjeż l-oħra kollha laħqet it-total ta' madwar €33,000. Kienet aħbar kerha ħafna mhux biss għas-Surġent Frankie u l-familja tiegħu għamlu 21 sena 'bil-mannara fuq rashom', iżda wkoll għal kull wieħed u waħda minna fi ħdan il-Korp.

Din is-sentenza hija perikoluża ħafna għall-fatt li minkejja li naħdmu kif suppost u skont il-liġi xorta waħda nistgħu nispiċċaw inħallsu xi danni f'każ li persuna tifthilna kawza ċivili personali. L-aktar ħaġa inkwetanti kien li minkejja li żewġ inkjesti separati lura fl-1995 kienu kkonkludew li l-mod kif ħadem dakinhar is-Surġent Frankie kien l-aħjar mod possibbli fiċ-ċirkostanzi u ma kienu ttieħdu ebda proċeduri fil-konfront tiegħu, iżda d-deċiżjoni fil-Qorti Ċivili kienet mod ieħor. Sabiex inkunu qed ngħidu kollox, il-Qorti Ċivili tal-Appell fis-sentenza li ngħatat tgħid ukoll li żgur dawn id-danni ma kenux jitħallsu biss mis-Surġent Frankie kieku fil-kawża kien hemm konvenuti l-Kummissarju tal-Pulizija (għan-nom tal-Istat). Ir-raġuni li tagħti l-Qorti għaliex kellhom jitħallsu dawn id-danni kienu kollha bbażati fuq il-fatt li dak iż-żmien il-membri tal-Korp ma kenux jingħataw taħriġ adegwat u dan kien kollu fir-responsabbilità tal-amministrazzjoni tal-Korp. Sfortunatament minkejja dan kollu s-Surġent Frankie spiċċa jerfa' l-piż kollu waħdu minħabba n-nuqqas ta' professjonalità ta' kif kien qed jiġi amministrat il-Korp f'dawk iż-żminijiet.

Bħala POU-GWU minnufih wara li konna nfurmati bis-sentenza għamilna l-korrispondenza li kellna nagħmlu kemm mal-amministrazzjoni tal-Korp kif ukoll mal-Ministeru kkonċernat sabiex is-Surġent Frankie jingħata l-għajnuna u l-appoġġ meħtieġ. Mingħajr ma noqgħod nidħol f'kontroversji ma konniex sodisfatti mir-risposti (jew nuqqas ta' risposti) għat-talbiet li għamilna u għaldaqstant sabiex nagħtu serħan il-moħħ lill-familja Sciberras ħassejna li kellna nkunu promoturi ewlenin fil-kampanja ġbir ta' fondi. Kien obbligu tagħna bħala unjin li nkunu minn ta' quddiem u nuru s-solidarjetà tagħna. Fuq suġġeriment tal-RSM Raymond Zammit b'vot unanimu l-Kumitat Ċentrali ddeċieda li jagħti donazzjoni ta' €1,000 lill-familja Sciberras. Ma kenitx somma li solviet il-problema, iżda bla dubju kien hemm messaġġ ta' solidarjetà bil-fatti. Konna nafu li ma kenitx faċli li nilħqu s-somma totali u għaldaqstant ma kellniex alternattiva ħlief li noħolqu kuxjenza permezz tal-midja u nħeġġu lill-membri tal-Korp u l-pubbliku onest sabiex jagħtu d-donazzjoni tagħhom. Sakemm kelli nlesti dan l-artiklu s-somma miġbura qabżet it-€32,800 u għalhekk nistgħu ngħidu li l-kampanja kienet suċċess. Ta' min wieħed isemmi li dwar din l-*issue* ż-żewġ unjins li jirrappreżentaw il-membri tal-Korp kienu flimkien u rrid ngħid li fuq livell personali skambjajt diversi ħsibijiet mal-Ispettur Frank Sammut tal-MPA.

Nistgħu ngħidu li l-każ tas-Surġent Frankie rnexxielu jgħaqqad il-Pulizija kollha (jew aħjar il-maġġoranza assoluta) ilkoll flimkien. Apparti dawk in-nies li jafuh personalment li taw id-donazzjoni

tagħhom għax jafu kemm Frankie hu persuna umli u tal-affari tiegħu, kien hemm membri tal-Korp u nies mill-pubbliku li ma jafuhx personali iżda qabel tawh id-donazzjoni staqsew lilhom infushom ' kieku flok Frankie kont jien?'. Malli tinġabar is-somma kollha meħtieġa nkunu solvejna l-problema tal-familja Sciberras, iżda ma nkunux solvejna l-problema. Għaldaqstant minn hawn inħeġġeġ sabiex l-unjins, l-amministrazzjoni tal-Korp, il-Ministeru kkonċernat u kull min iħoss li jista' jagħti kontribut għandna nanalizzaw is-sentenza tal-Qorti Ċivili tal-Appell inkwistjoni sabiex naraw x'mar ħażin biex spiċċa refa' r-responsabbilità persuna innoċenti. Fl-opinjoni tiegħi dan huwa każ kif qal riċentament il-Professur Saviour Formosa fejn 'l-ordnijiet jinżlu 'l isfel u l-*blame* jinżel 'l isfel'.

Malli ġejt biex ngħaddi dan l-artiklu ħarġet l-aħbar li l-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali wkoll ta kontribuzzjoni ta' €5,000 lis-Surġent Frankie u għaldaqstant din is-somma trid tiżdied mas-somma msemmija aktar kmieni. Kif diġà indikat l-POU-GWU talbet mill-bidu nett l-intervent tal-Ministeru konċernat u għaldaqstant minn dan l-aspett l-unjin sodisfatta li ttieħdet forma ta' azzjoni mill-Istat. Lil hinn mill-ammont tal-kontribuzzjoni li ngħatat, l-aktar ħaġa importanti hi li l-Istat għall-ewwel darba qed jirrikonoxxi li s-Surġent Frankie ma kienx skorrett fil-mod kif ħadem lura fl-1995. Naturalment ebda somma mhu ser issewwi l-ħsara li saret fuq il-familja Sciberras, iżda dan il-ġest jikkonferma li llum anke l-Istat jemmen li s-Surġent Frankie huwa vittma ta' kif kienu jsiru l-affarijiet fil-Korp snin ilu.

Nagħlaq billi ngħid GRAZZI lil kull min ta sehmu f'din il-kawża.

tvella@pou-gwu.org.mt

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

# Paġna għat-Tfal



Gabrielle Theuma
9 snin

Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpinġija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

Comments: May I congratulate WPC 280 Louise of CMRU on the way she handled my query. The well mannered way how she spoke on the phone and the way she put my mind at rest. I would also like to praise the way, etiquette, the male official answered the phone when I once again phoned to speak to WPC 280. Congratulations. With people like you in the Police corps the public should be proud. Keep it up! Allow me to suggest to make them aware and noted.

Comments: Nixtieq nirringrazzja lill-Korp tal-Pulizija kollu specjalment l-istazzjon tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar u Marsakala PS1181, PC931, WPC379, PC858, PC859, PC815, PC1569 u dawk kollha ta xift A ghas-servizz u ghajnuna kbira li sibna min ghandhom meta dan l-ahhar gejna bzonn. Hija xi haga verament sabiha u ta' serhan il-mohh meta cittadin jigi f'diffikulta u jaf li hemm nies bhal dawn fil-Korp tal-Pulizija lesti biex jaghmlu xogholhom u jaghtu s-servizz taghhom mhux ghax biss huwa xogholhom izda wkoll ghax jaghmluh mill-qalb. Proset nirringrazzjakom dejjem.

Dear Commissioner,

On Tuesday 20th November 2015 thirty-eight members of the British Residents Association, Mellieha Group, attended the Malta Police Mounted Section in Marsa. The visit had been arranged with the assistance of your Community and Media Relations Unit.

The tour of the Mounted Section and Stables proved to be most enjoyable and informative and gave the members a clear understanding of the work undertaken by your officers from the Section.

We were most grateful for the time taken by Sergeant Major Francis Seychell and his officers to make the visit such a success and would respectfully ask that our thanks be conveyed to the officers concerned.

Yours sincerely,

M E Bond.

Mrs Mavis Bond
Chairman.

Sinjur,
Jiena anzjana ta' 83 sena u persuna li nbati b'diżabilita' fiżika f'saqajja. Qed niktiblek din l-ittra biex nuri l-apprezzament tiegħi għall-għajnuna kbira li tani l-pulizija nru. 991.

Nhar it-Tlieta 16 ta' Mejju 2016, fis-2.00am, jiena żlaqt u waqajt waqt li kont dieħla fil-kamra tal-banju. Weġġajt mhux ftit għax barra li xaqqaqt xi kustilji bil-waqgħa, jiena ma stajtx inqum mill-art. Dak il-ħin jiena kont waħdi imma permezz tat-telecare, ġiet in-neputija u żewġha biex jagħtuni l-għajnuna. Imma kien jeħtieġ persuna oħra biex jerfgħuni mill-art. Jien kont ili siegħa u nofs fl-art.

Billi jien noqgħod faċċata tal-Għassa tal-Hamrun, ħsibna li nitolbu lill-pulizija biex xi ħadd minnhom jiġi jgħinna. Il-ħin kien it-3.30am. Dak il-ħin ġie l-pulizija nru. 991, li bl-għajnuna tiegħu, intrefajt mill-art. Dan il-pulizija tant kien ġentili miegħi. Dak il-ħin, jiena kont tant muġugħa li lanqas staqsejtu x'jismu imma imexxieli nieħu n-numru tiegħu.

L-għada filgħodu, ħaduni l-isptar Karen Grech fejn domt kważi 3 ġimgħat. Issa li ġejt lura d-dar, ħsibt li niktiblek biex barra li nixtieq nirringrazzja lil dan il-pulizija, nurik l-apprezzament tiegħi għal dak li hu għamel miegħi f'ħin tant kritiku. Jien ammirajt is-serjeta' fil-qadi ta' dmiru u ta' dan, jistħoqqlu tassew kull tifħir.
Jiena nirringrazzjak għan-nom tal-Police Force u nsellimlek.

May I kindly acknowledge the good work done by telephone orderly WPC41 who was asked by the undersigned for the whereabouts of Mr. Clyde Cassar ID. 507677M. She took interest and passed over the information to PS827 and his team who successful arrested Mr. Cassar who was wanted by the ECU and CIAU for almost the past year.

Thank you for your assistance.

Extremely well served at the Police Depot. Went to get my police conduct and officer 196 was working 2 PC's at the same time and queue was flowing impeccably fast. Not even 5 mins and 11 ppl where served. Thank you.

To whom it may concern:

I would like to thank the animal welfare officers who were on duty last Saturday and yesterday, for their intervention, for helping me taking out a stray cat from a locked garage. My thanks goes also to the Naxxar Police Station especially officer No. 78

Dear Sir,

I would like to bring to your kind attention that thanks to the prompt aid and advice of Inspector Galea Skanura, I was able to solve an issue relating to the loss of my passport on the 30th October 2015.

It was only through his immediate assistance that I managed to resolve the issue and be able to continue my travels as required in a timely manner.

I am grateful and thankful for his help. It is through the assistance of such dedicated members of the Malta Police Force that the public can truly admire the hard work that is very often not appreciated.

The Superintendent
Valletta Police Station
Archbishop Street
Valletta

**Ref: Sgt 1098**

Dear Sir,
I would like to commend Sgt 1098 for his dedication, persistence and professionality. Without any prompting whatsoever, he pursued the issue involving damage to my property right up to a successful conclusion.

He is indeed a valuable asset to the Police Force.

Yours sincerely,

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**


When up North
Why Not Check
us Out
Good to go
FOOD. EVERYDAY.
Food to go or eat in
Cirkewwa Terminal
Tel: 2152 3563
Mgarr Harbour
Tel: 2155 8043
FREE
WiFi




Potterware



Quick turn-around with superior quality that quickly turn in a profit!
bizhub PRESS
C1070/C1060
For print providers that demand greater quality, productivity and scalability
Direct Mailings
Collateral
Transactions
Manuals
Offset-like quality
More applications
Advanced
Value-added
Environment
office



Andrew Vassallo Ltd
GENERAL TRADING
www.andrewvassallo.com
Specialising In:
• Skylights
• Fiber Glass Flag Poles
• Water Gutters
• Raised Flooring
• Manhole Covers
• Street Furniture
• Raised Flooring
• Liquid Membrane
• UPVC & Aluminium Apertures
• All Type Of Staircases
Find us on facebook : Andrew Vassallo LTD

# International Police Association - Malta

Joseph Borda – Secretary General

## Day Trip to Sicily

On 28th June 2016, IPA Malta organized a day trip to Sicily.  A good number of members attended for this event. Various places of interest were visited and there was also some time for shopping!

These day trips are becoming very popular with our members, and we intend to hold more in the futue, on regular basis!!



## Foreign Visits

We also had the pleasure of meeting Simon George Payne from the IPA British Section, while he was on holiday in Malta, and took some time to watch the Police Display in front of the Parliament Building, apart from having also a few beers!





## 202nd Malta Police Anniversary

On 12th July 2016, the Malta Police Force celebrated its 202nd years from its foundation. For this occasion a Solemn Mass was held at St. John's Co Cathedral. Secretary-General Joseph Borda and Committee member Ivan Brincat attended the event.

### Lectures at Police Academy




On the 20th and 21st July, Sec. General Joseph Borda gave talks on the IPA to recruits from the 36th Police Recruits' Course. Talks consisted on the history of the IPA, its benefits and making friends with other police officers worldwide. In all there were four talks.



### IPA BBQ

On 11th April 2016, IPA Malta Section organized a BBQ for its members and their guests. The number of attendants was very good. The event was held at San Gwann.

### Membership Fee

If you have not paid your membership fee, please do it as soon as possible. Payments can be done online or at IPA Office, Menqa as from next September, every Monday from 9.00 to 12.00 noon

ipamalta@gmail.com

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

## Laqgħa mal-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali

Fis-16 ta' Ġunju saret laqgħa mal-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Carmelo Abela. Għal din il-laqgħa attendew il-Viċi President Emanuel Caruana, is-Segretarju Raymond Zammit u t-Teżorier Joe Borda. Kien mistieden ukoll Martin Pace sabiex jitkellem dwar il-punt li qajjem hu stess dwar il-pensjoni però dakinhar is-Sur Pace kien indispost. Fuq l-aġenda għad-diskussjoni mal-Ministru kellna dawn il-punti: il-ħlas tal-*overtime* pendenti, il-*Mutual Help Association* (MHA), il-midalja u l-*issue* li kien qajjem is-Sur Pace. Tkellimna wkoll fuq l-għanijiet tal-Assoċjazzjoni.

Kienet laqgħa kordjali ħafna u l-Ministru deher li fehem il-punti tagħna. Rigward l-*overtime* aħna infurmajnieh li qatt ħadd ma kien tkellem magħna l-pensjonanti minkejja li aħna għadna qed nistennew il-ħlas daqs dawk il-membri li għadhom fil-Korp. Iddiskutejna wkoll il-fatt meta membru jkollu *claim* filwaqt li jkun għadu fil-Korp u xi jsir minnha ladarba dan il-membru jispiċċa s-servizz. Fil-laqgħa aħna l-pensjonanti wrejna x-xewqa li nibdew inkunu involuti mal-Unjins l-oħra fil-laqgħat liema punt mhux talli qabel miegħu l-Ministru talli infurmana li konna ser niġu mistiedna għal-laqgħat li jmiss.



Ritratt: John Pisani - MHAS

Rigward l-MHA semmejna dwar x'konna qrajna fil-magażin. Hawnhekk irrid insemmi li min-naħa tal-Ministeru baqgħu mistagħġbin kif minkejja li aħna l-pensjonanti nħallsu daqs min hu fil-Korp, hawn ukoll ħadd ma kien tkellem mal-Assoċjazzjoni sabiex waslu għal dak li ġie deċiż. Lill-Ministru infurmajnieh li fil-futur kien ser ikollna laqgħa dwar dan is-suġġett mal-Aġent Kummissarju.

Apparti li dwar il-midalja l-Ministru deher li qabel mal-argumenti tagħna, hu infurmana li kien għaddej eżerċizzju dwar xi riformi fil-korp u dan is-suġġett kien wieħed minnhom. Semmejna l-fatt li individwu ma jiħux il-midalja għax ikollu xi *crimes* (anke jekk antiki) però min-naħa l-oħra avolja jkollok xi *crime* xorta waħda qed tkun eliġibbli għall-promozzjoni ta' surġent, spettur jew



Ritratt: John Pisani - MHAS

supretendent. Tkellimna wkoll dwar xi kriterji li qed jimxu fuqhom li qatt ma ġew diskussi magħna u wisq anqas nafu bihom u li l-Att dwar il-Pulizija Kap.164 sezzjoni 47 jgħid li l-uffiżi trattati mill-Kummissarju ma jidhrux fil-fajl ta' dak li jkun però meta tasal għall-midalja jsawtuk bihom allavolja min jaf kemm ikunu ilhom.

Fl-aħħar semmejnielu dak li kien irrifera għalih is-Sur Pace fil-laqgħa ġenerali, ċioè dwar ir-rata tal-pensjoni għal dawk li ma jkunux jaħdmu imma peress li m'aħniex intiżi ħafna fuqha u minħabba l-assenza tas-Sur Pace ma tantx elaborajna fuqha. Fuq dan il-punt il-Ministru ssuġġerixxa li aħjar kieku din tiġi diskussa mal-Ministru tas-Servizzi Soċjali.

Lill-Ministru u lis-Segretarju Permanenti tiegħu ppreżentajnielhom wkoll tifkira żgħira kull wieħed (*lapel badge* tagħna) kif ukoll ma naqasx li jittieħed ritratt tal-okkażjoni.

## Laqgħa mal-Kummissarju Lawrence Cutajar

Fl-24 ta' Ġunju saret laqgħa kif miftehma mal-Aġent Kummissarju Lawrence Cutajar. Għal din il-laqgħa kordjali attendew il-Viċi President Emanuel Caruana, is-Segretarju Raymond Zammit u t-Teżorier Joseph Borda.

Wara li awgurajnielu għall-ħatra l-ġdida tkellimna dwar il-*Mutual Help Association* (MHA) u l-midalja.

Bdejna billi semmejna li konna ltqajna mal-Ministru u li miegħu konna tkellimna wkoll dwar dawn iż-żewġ suġġetti. Rigward l-MHA infurmajnieh b'dak li kien deher fil-Magażin tal-Pulizija. Infurmajnieh li aħna xtaqna li nibdew inkunu preżenti għal-laqgħat li jkunu ser jolqtu lilna l-pensjonanti. Is-Sur Cutajar qabel mal-punt tagħna u fil-fatt wegħedna li konna ser nibdew niġu



infurmati sabiex nattendu l-laqgħat fil-futur. Apparti minn hekk is-Sur Cutajar infurmana li kien beħsiebu jwaqqaf bord fejn fih ikun hemm żewġ membri mill-MARPO sabiex jirrevedu dak li ġa ġie deċiż apparti li jiġu aġġornati xi regolamenti eżistenti għaż-żminijiet tal-lum.

Rigward il-midalja aħna infurmajna lill-Kummissarju dwar ir-riforma li kien semma l-Ministru magħna u dwar kif tista' tiġi riveduta l-liġi dwar dan is-suġġett. L-Assistent Kummissarju, Mario Spiteri li wkoll kien preżenti għal-laqgħa, semma li l-Korp kellu *memo* maħruġa mill-Kabinett dwar kif tingħata l-midalja, ċioè li l-midalja tingħata lil dawk il-persuni li ma jkollhomx aktar minn żewġ *crimes*.

Ta' min iżid li dakinhar tal-laqgħa ħadna wkoll xi ritratti tal-okkażjoni.

### Donazzjoni ta' €300

F'isem il-membri tal-MARPO ngħatat donazzjoni ta' €300 għall-kampanja ta' ġbir ta' fondi għas-Surġent Frankie Sciberras. Huwa rringrazzja lil kulħadd ta' din id-donazzjoni.

### Miżata

Kull min għadu ma ħallasx il-miżata ta' din is-sena huwa ġentilment mitlub li jaġġorna ruħu. Dan jista' jsir billi jibgħat ċekk pagabbli lill-MARPO u jimpustah f'dan l-indirizz: MARPO, P.O. Box 36, Birkirkara
Għal kull korrispondenza tistgħu tibgħatu fuq l-indirizz elettroniku ġdid;- 2011marpo@gmail.com

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**



Ex PC 292 Carmelo Cutajar
1943 - 2016
1961 - 1997



Ex WPC 1 Sharon Micallef
1967 – 2016
1988 - 1996



Ex 2/SM 821 & 922 Louis Dalli
1933 - 2016
1951 - 1978 & 1987 - 1994



Ex Ps 1199 & RPC Anthony Samut
1949 - 2016
1969 - 1994 & 2014 - 2016



WPC 1 Mary Grace Giordimania
1958 - 2016
1983 - 1989 & 1998 - 2016
(Serving Member)



Ex Ps 1073 Anthony Dimech
1939 - 2016
1958 - 1983
(Gozo)



Ex A.C. Joseph Psaila
1949 - 2016
1970 - 1996



Ex PC 330 Joseph Mizzi
1943– 2016
1962 – 1987

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

**INTENTIONALLY
LEFT BLANK**